**1 ta' Settembru, 1964**

**Imħallef:**

**Onor. Edoardo Magri, LL.D.**

Anthony Zammit

*versus*

Mary Joan Zammit

**Separazzjoni personali — Kustodja tat-tfal — Patria potestà Art. 55, 68 (3), 72 (2) u 73, Kodiċi Ċivili.**

*Il-fatt tas-separazzjoni ma jinduċix id-dekadenza tal-missier mid-drittijiet tal-patria potestà.*

*Il-missier, anke jekk separat minn martu u minn uliedu, in vista tal-patria potestà, jibqgħalu l-obbligu illi jinviġila fuq il-kura u l-edukazzjoni tagħhom, u okkorrendo, jirrikorri għall-għajnuna tal-Qorti sabiex jiġi rivedut u stabbilit il-kollokament tagħhom, skond dak illi jkun aktar opportun taħt iċ-ċirkostanzi.*

*Kull ftehim bejn mara u raġel dwar il-kustodja tat-tfal fista', f'kull żmien, fuq talba tal-mara jew tar-raġel, jiġi annullat mill-Qorti kompetenti, meta hekk ikun meħtieġ għall-ġid tat-tfal.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur — premessi d-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji u meħud kull provvediment opportun; peress li l-konvenuta qegħda tgħix ħajja ħażina u tipprostitwixxi ruħha, u b'dan l-aġir tagħha kisret il-kondizzjonijiet u patti stipulati fil-kuntratt ta' separazzjoni personali pubblikat fl-atti tan-Nutar George Cassar fl-10 ta' Lulju, 1963 (Dok. A) u għalhekk iddekadiet mid-drittijiet u benefiċċji fl-istess atti stipulati u partikolarment mid-dritt għall-alimenti u mill-kura ta' wliedha minuri, Tania, Rita u Nathalie; peress mhux fl-interess tal-minuri li jibqgħu jgħixu mal-konvenuta mħabba l-ħajja ħażina li qegħda tgħix l-istess konvenuta — talab illi l-konvenuta, għar-raġunijiet premessi u għal dawk li jirriżultaw ma tul it-trattazzjoni tal-kawża, jiġi dikjarat u deċiż li l-konvenuta kisret il-kuntratt fuq imsemmi u speċjalment il-patt disa' billi ikkommettiet atti li normalment taħt il-Kodiċi Ċivili jtelfu dritt għall-alimenti; u konsegwentement titlef kull dritt għall-alimenti mingħand l-attur; (2) it-tliet ulied komuni tal-kontendenti jiġu taħt il-kura tal-attur; bl-ispejjeż kontra l-konvenuta;

Omissis.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuta li qalet li l-attur ma jistax jinvoka kontra l-eċċipjent il-ksur tal-kondizzjonijiet imposti fil-kuntratt ta' separazzjoni personali msemmi fiċ-ċitazzjoni, għaliex huwa stess naqas mill-kondizzjoni li jħallas lill-konvenuta r-rata tal-manteniment miftehma; li rigward it-tieni domanda l-attur mhux persuna idonea biex iżomm it-tfal minuri tal-kontendenti.

Omissis.

Ikkunsidrat:

Li l-kontendenti b'kuntratt riċevut minn Nutar Dr. George Cassar fl-10 ta' Lulju, 1963 kienu addivenew għal separazzjoni konsenswali, u fost pattijiet oħra l-kura u l-edukazzjoni tat-tliet itfal minuri Maria Tania, Rita u Natalie, ġiet afdata lill-konvenuta, però, l-attur żamm id-dritt li jkun jista' jitlobhom għandu ġurnata fil-ġimgħa u jżommhom jorqdu dik il-lejla miegħu, u l-attur kien obbliga ruħu li jħallas ir-retta alimentari ta' £4.10.0d. fil-ġimgħa, in kwantu għal £1.10.0d. lil martu, u in kwantu għal £3 lit-tfal.

Ikkunsidrat:

Li l-partijiet fil-verbal tal-25 ta' Awissu, 1964 (fol. 58) qablu li għal issa tiġi deċiża biss it-tieni domanda rigwardanti l-kura u l-kustodja tal-minuri, billi dina l-materja hija ta' natura urġenti.

Ikkunsidrat:

Li l-attur, missier il-minuri, baqgħalu integri d-drittijiet kollha tal-patria potestà, għaliex il-fatt tas-separazzjoni ma jinduċix id-dekadenza tagħhom; u anqas ġie pruvat li huwa f'xi żmien kien ġie indott javda l-uliedu minuri lil martu, għaliex inkorra fit-telfa ta' dan id-dritt. Għalhekk l-azzjoni tiegħu rigward il-kura tat-tfal għandha tiġi ntiża bħala derivazzjoni ta' dana d-dritt, u mhux bħala konsegwenza tal-ksur tal-klawsoli ndikati fil-paragrafu disa' tal-istess kuntratt tas-separazzjoni, kif ineżattament qiegħed jiġi premess fil-motivazzjoni tat-talba.

Li, però, billi s-separazzjoni personali interċediet bejn id-drittijiet tal-patria potestà tal-attur, u l-kollokament tat-tfal għand il-konvenuta, permezz tal-awtorizzazzjoni tal-Qorti, l-

attur jibqgħalu d-dritt li jeżerċita dina l-prerogativa, kompatibilment ma dak li l-Qorti jidhrilha li għandha tiddeċiedi fl-interess u għall-vantaġġ esklusiv tal-istess minuri, mingħajr f'ebda mod ma tkun influwenzata jew vinkolata mill-pattijiet li setgħu stipulaw il-kontendenti bejniethom dwar il-kura ta' wliedhom minuri fuq l-att tas-separazzjoni. Lill-attur, però, *in vista tal-patria potestà jibqgħalu, anki jekk* separat minn martu u minn uliedu, l-obbligu li jinviġila fuq il-kura u l-edukazzjoni tagħhom, u okkorrendo, jirrikorri għall-għajnuna tal-*Qorti, kif qiegħed isir f'dina l-kawża,* biex jiġi rivedut u stabilit il-kollokament tagħhom, skond dak li jkun aktar opportun taħt iċ-ċirkostanzi li jirriżultaw.

*Ikkunsidrat:*

Li skond l-art. 73 tal-Kodiċi Ċivili, kull ftehim bejn mara u *raġel* dwar il-kustodja tat-tfal jista', f'kull żmien, fuq talba tal-mara jew tar-raġel jiġi annullat mill-Qorti kompetenti, meta hekk ikun meħtieġ għall-ġid tat-tfal; u f'dana l-każ il-Qorti għandha tiddeċiedi f'idejn min għandhom jiġu mogħtija t-tfal, u *kif għandhom jintmantnew* u jiġu edukati. Dina l-prerogativa tal-Qorti, għal dak li jirrigwarda l-minuri, insibuha ribadita fl-art. 55, 68(3) u 72(2) tal-Kodiċi Ċivili; u l-ġurisprudenza *tat-tribunali tagħna dejjem kienet konkordi fuq dana* l-pont.

Ikkunsidrat:

Li mill-provi irriżulta li l-ambjent fejn jinsabu kollokati t-tfal ma jagħti ebda affidament għall-integrità tal-ħajja morali u *tal-edukazzjoni tagħhom. Il-konvenuta, "ex admissis"*, ammettiet li kienet u għadha, anke wara s-separazzjoni, tiffrekwenta l-irġiel għal skopi illeċiti; u anki ommha li tidher li qegħda tiegħu kura tat-tfal, hija mara ta' kostumi ħżiena. Mill-banda l-oħra l-attur, anqas ma jista' jingħad li huwa ido-

neu biex iżomm għandu lil uliedu, u a parti l-ħajja notturna u l-kumpanija ekwivoka li jiffrekwenta, ma jidhirx li l-innoċenza *tat-tfal ta' età hekk tenera, tista' tirrikava xi benefiċċju* jew xi eżempju edifikanti minn bniedem li ma staħax jagħmilha tal-lenone ta' martu u jisfrutta l-prostituzzjoni tagħha għall-fini tal-lukru, meta huwa seta' jgħix u jgħajjex lil martu mill-qliegħ tas-sengħa li, kif jgħidu huma, tirrendilu profitt ta' minn £10 sa £15 fil-ġimgħa.

*Ikkunsidrat:*

Li irriżulta li Maria Grasso, oħt l-attur, hija persuna ta' kondotta tajba, (fol. 49) u anki żewġha m'hemm xejn x'wieħed jgħid fuqu, u skond l-opinjoni tal-Kappillan tal-Marsa, ma hemm ebda ostakolu li jista' jimpedixxi lill-familja Grasso li tiġi avdata lilha l-kura tal-minuri. L-imsemmija Maria Grasso u żewġha huma pronti biex jieħdu f'idejhom il-minuri, u jżommuhom f'darhom;

Li dina l-Qorti, wara li eżaminat dina l-proposta tal-konvenuta li tixtieq li wliedha jiġu kollokati f'Kulleġġ tas-Sorijiet; u wara li kkunsidrat il-vantaġġi ta' dina l-proposta, waslet għall-konklużjoni, li l-imsemmija minuri għandhom jiġu fdati taħt il-kura tal-imsemmija Maria Grasso, bl-obbligu lill-attur li jħallsilhom il-pensjoni alimentarja ta' tliet liri (£3) fil-ġimgħa, kif jinsab stipulat fil-kuntratt tal-firda ġa fuq riferit;

Għal dawna l-motivi:

Tiddeċiedi billi tilqa' t-tieni talba tal-attur fis-sens li tikkundanna l-konvenuta, fiż-żmien erbgħa u għoxrin siegħa, tikkonsenja lil Maria Grasso, fid-dar tal-abitazzjoni tagħha, it-tliet itfal minuri Maria Tania, Rita u Natalie, jew dawk li għadhom għandha; salv kwalunkwe provvediment li jkun xieraq fil-każ li l-konvenuta tfixkel b'xi mod l-esekuzzjoni ta'

dina s-sentenza; u tiċħad l-istess talba billi tiddikjara li l-imsemmija minuri m'għandhomx jiġu fdati taħt il-kura tal-attur. B'dana però, li l-kontendenti jkollhom aċċess għall-imsemmija wliedhom kull nhar ta' Tlieta u nhar ta' Sibt mill-4 p.m. sas-6 p.m. f'ambjent separat tad-dar tal-imsemmija Grasso; u ebda wieħed minnhom ma jkun jista' joħroġ miegħu l-istess tfal jekk mhux akkompanjati mill-istess Maria Grasso, jew persuna ta' età adulta, li tkun ta' fiduċja tagħha. L-attur għandu jibqa' jħallas il-pensjoni alimentarja ta' tliet liri (£3) fil-ġimgħa lill-imsemmija wliedu minuri, f'idejn Maria Grasso, fid-dar tal-abitazzjoni tagħha, malli dawna jiġu kollokati għandha.